MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 42

16 ta' Marzu 2022

Il-Kunsilli Lokali H'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Helen Caruana – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Giorgio Mario Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
John P.Bonnici – Kunsillier
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Remigio Bartolo – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-5.32pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti kien daħal *online* fil-ħin.

## 42.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

42.1.1 Is-Sindku qal li kien hemm ittri t'apoloġiji tas-Sinjuri Bonnici, Mangion u Bartolo li ttieħdu bħalha moqrija.

Il-Perit Schembri talab li jkun skużat peress li ma setax idum iktar mis-6.00pm

## 42.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

42.2.1 Il-Minuti Nri: 40 u 41 ġew approvati.

## 42.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

42.3.1 *Ġnien l-Istazzjon*

Is-Sur Cordina nforma lill-Kunsill li l-proġett kellu jieqaf minħabba li fejn kien qed isir it-tħaffir tar-reservoir instabu xi arkati. Hu qal li suppost mhux sa jdum biex joħroġ il-permess minħabba li l-applikazzjoni hi biss *development notice.*

42.3.2 *Uffiċċini tal-Kunsill*

Is-Sur Cordina qal li hu u l-Perit Falzon iltaqgħu mal-Project's Manager ta' FES Projects Limited. Qal li l-iskop hu li wieħed jibda bla dewmien u l-Perit ikun jista' jibda jara xi samples. Is-Sur Victor Galea saqsa jekk hux sa jkollu *termination date*. Is-Sur Cordina qal li din hi standard u jispera li ma jdumux ma jibdew.

42.3.3 *Klabb tal-Futbol*

Is-Sur Stefan Cordina qal li l-klabb tal-futbol kif ukoll is-Subbuteo Club għamlu unur lil Ħ'Attard fejn il-Futbol Klabb baqgħu telgħin sal-quċċata bla telfa u telgħu First Division filwaqt li s-Subbuteo Club telgħu final imma tilfu l-final. Hu ssuġġerixxa li għall-festeġġjamenti jibbaġittjaw s-somma ta' €1,000 - €1,200 sabiex isiru xi dwal u sound fil-ġnien. Kulħadd qabel.

42.3.4 *Multi-Purpose Sports Village*

Is-Sindku qal li ġew notifikati li ntefgħet applikazzjoni sabiex fiż-żona ta' Ta' Qali jsir multi-purpose sports village li jinkludi *one full size rugby pitch, one half size scram training pitch, 2 full size football pitches, 1 half size intensive training pitch, 1 sprint track, 5 tennis courts, 1*

*tennis show court or paddle tennis court, indoor sports complex, football and rugby club, sports health centre, sports rehabilitation clinic, sports hotel class 3b, indoor and outdoor garden centre, commercial area class 4b and 4d, surface and underground parking, extensive landscaping. Qal li l-applikant huwa l-Mediterranean Flower Products Limited.* Saqsa lill-Kunsilliera x'jaħsbu fuq dan.

Il-Perit Giorgio Schembri qal li l-aħjar jitkellmu mal-Perit tal-Kunsill u jaraw eżatt x'inhi l-art. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-art hi ODZ. Il-Perit Schembri qal li hemm klassifikazzjonijiet ta' ODZ u l-Perit Falzon ikun jista' jġib il-materjal neċessarju qabel ma jibdew jiddiskutu. Is-Sur Cordina qal li jekk ma jlaħħqux sa laqgħa oħra ssir laqgħa attaposta b'*item* wieħed. Is-Sur Galea qal li hu favur proġett sportiv, li l-post fejn qiegħed hu mitluq, kien hemm il-Flower Power u wara li nħadem il-film tal-Libja waqaf kollox, li l-progress iġib in-nies lejn ir-raħal imma li ma jridx hu li jara xebgħa karozzi fit-toroq. Hu qal li sa jkun hemm żewġ sulari parkeġġ imma proġett bħal dan jistħoqqlu minn tal-inqas 4 sulari.

Kulħadd qabel li jistennew il-Perit u jerġgħu jitkellmu.

## 42.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

42.4.1 Victor Galea

- Qal biss li qed ikun hemm ħafna tgergir fuq it-traffic lights li saru fi Triq iż-Żagħfran. Is-Sur Cordina qal li qed jitkellem fuqha u x'aktarx jasal biex issir iktar il-fuq ukoll.

42.4.2 Giorgio Schembri

- Talab biex tibqa' ssir pressjoni fuq l-*enforcement* fis-*Central Link*. Hu qal li qed jiġu jagħmlu d-*drifting* mar-roundabout fl-10.30pm. Is-Sur Cordina qal li qed isiru xi studji minn Transport Malta u għandu jerġa' jitkellem magħhom biex jekk għandhom jiġu nstallati xi *cameras* dawn isiru mill-aktar fis.

## 42.5 Rapporti

42.5.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 42.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

32.6.1 ***Tenders* –** Is-Sur Cordina qal li saret l-Evalwazzjoni mis-Sinjuri Christopher Falzon, Remigio Bartolo u l-Avukat Caruana tat-Tender tar-*Road Signs and Markings.* Qal li kien hemm tliet *bidders* B. Grima and Sons, Koperattiva tat-Tabelli u Sinjali tat-Traffiku u 5H Limited. Is-Sur Cordina qal li ħadha 5H Limited bil-prezz ta' €26124.55c, it-tieni kien B. Grima and Sons €30087.96c u t-tielet wieħed kien €30199.60c. Dan kien ir-rapport tal-Bord biex jiġi approvat ħa jmexxu.

L-Avukat Caruana saqsiet għala kellu jinħareġ bilfors jekk kienu kuntenti bis-*supplier*? Is-Sur Cordina qal li peress li kien hemm infieq ta' iktar minn €5,000 sar hekk u kompliet is-Segretarju

Eżekuttiv iktar minn hekk għax dan kien dejjem b'tender. Fil-fatt qalet li t'tender qabel kien ħadu B. Grima and Sons u kompla s-Sindku jerġa' kien hemm żmien fejn dan kien f'idejn il-Koptasin. Is-Sur Cordina qal li fil-verità kif kienu tkellmu waqt l-evalwazzjoni wieħed issa jara il-kwalità, iż-żebgħa kemm ħa sservi imma żgur li fit-tender m'hemm l-ebda klawżola biex isir xi testing.

Ir-rapport ġie approvat.

l-Avukat Brincat saqsa jekk ġiex iffirmat xi *service level agreement*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-proċedura hi li wara li jgħaddi l-perjodu fejn jista' jsir appell jiġi ffirmat il-*contract agreement* għal sena li jista' jiġi mġedded għall-erba' snin.

## 42.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

42.7.1 L-Avukat Caruana saqsiet fuq *item 26 fixed louvers*. Is-Sur Cordina qal li dawn huma louvers li saru fit-tojlits tal-irġiel u nisa biex jissalvagwardjaw il-privatezza mill-cameras wara li kien qam panik li l-cameras kienu qed jippuntaw lejn it-tojlits. Hu qal li dan ma kienx minnu imma li biex iserraħ moħħ in-nies saru dawn il-*louvers.*

*Item 75* saqsiet għala dan ma kienx fiċ-ċedola ta' qabel. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan il-pagament hu ta' Joseph Farrugia li jnaddaf il-latrini u jitħallas kull xahrejn,

*Item 81* Andre Agius li jnaddaf it-toroq bid-direct order skont il-bżonn kien hemm l-areas ta' Dun Gwann Theuma, Dun Alwiġ Galea u bosta naqriet oħrajn. Qal li ttieħed il-parir tal-Avukat Caruana u qed tiġi kkumpilata tender b'dawn il-bzonnijiet imma qed isibuha diffiċli biex jikkumpilawha minħabba li hija biċċiet minn tenders vari.

*Item 82* Elizabeth Gauci tindif tal-Embankment li qed isir fuq bażi regolari imma li l-*upkeep* tiegħu hu vera mportanti sabiex ma jkunx hemm rapporti mill-PPCD minħabba l-fondi Ewropej.

Intwerew tenders ritratti vari ta' dawn ix-xogħolijiet li l-Kunsill ikollu jagħmel biex iżomm ir-raħal nadif. Hu qal li inġabet lista ta' pestiċidi li jistgħu jintużaw minn Ambjent Malta. Il-Perit Schembri qal li xorta jridu jimxu mal-Method Statement skont kif maħruġ mill-Heritage minħabba li ċertu kimika tagħmel ħsara lill-ġebla.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed jieħdu iktar ħin għax iridu jsibu speċifikazzjonijiet differenti minn tenders differenti u speċi jridu jikkumpilawha huma. Is-Sur Cordina qal li per eżempju San Pawl il-Baħar impjegaw persuna li toqgħod iddur u kull fejn ikun hemm skart maħruġ ikun x'ikun jinġabar kollu. X'jagħmel bis-separazzjoni tal-iskart qal is-Sindku iħalli għall-imaġinazzjoni tagħhom.

L-Avukat Caruana saqsiet ukoll x'gara fuq dak l-impjegat li ntalab taħt l-iskema. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għadha ma semgħat xejn minħabba li għadhom qed isiru l-evalwazzjoni tat-talbiet mid-Direttur Ġenerali u li fuq min se jissossitwixxi l-impjegat li ġie nieqes għadha ma kitbuliex lura mill-RSSL.

## 42.8 Mozzjonijiet; u

42.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 42.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

42.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-5.59pm u ġiet aġġornata għat-13 ta' April 2022 fis-5.30pm

Konfermati, illum 13 ta' April 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |